**DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA**

**Nru 21/14/COL**

**tad-29 ta' Jannar 2014**

**li temenda, għat-tlieta u disgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, ([2]) u b'mod partikolari l-Artikoli 5(2)(b) u 24 tiegħu,

Billi:

Il-Kapitolu fil-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ([3]) (il-Linji Gwida RŻI) skada fil-31 ta' Diċembru 2013 ([4]),

Dak il-Kapitolu jikkorrispondi għall-Qafas Komunitarju dwar l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ([5]) li skada wkoll fil-31 ta' Diċembru 2013 ([6]),

Fl-10 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ippubblikat Komunikazzjoni li tikkonċerna l-estensjoni għall-applikazzjoni tal-Qafas Komunitarju għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2014 ([7]).

L-estensjoni kienet adottata mill-Kummissjoni fid-dawl tar-reviżjoni proposta attwali tagħha tal-Linji Gwida RŻI ([8]) u fil-kuntest tal-proċess kumplessiv għall-modernizzazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat ([9]), u huwa b'mod partikolari interkonness mill-qrib mar-reviżjoni proposta parallela tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([10]).

Sabiex ikun żgurat approċċ konsistenti mal-istrumenti tal-għajnuna mill-Istat, b'kunsiderazzjoni għall-bżonn ta' kontinwità u ċertezza tad-dritt fit-trattament tal-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat maż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, il-Kapitolu attwali dal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri għandu jiġġedded.

Il-Kummissjoni u l-Istati tal-EFTA ġew ikkonsultati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ewwel sentenza tal-paragrafu 178 tal-Kapitolu fil-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI) taqra kif ġej:

"(178) Dan il-Kapitolu se jkun applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2014".

---

([1]) Il-"Ftehim taż-ŻEE".
([2]) Il-"Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".
([3]) ĠU L 305, 19.11.2009, p. 1, Suppliment taż-ŻEE Nru 60, 19.11.2009, p. 1.
([4]) Ara l-paragrafu 178 tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.
([5]) ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.
([6]) Ara l-punt 10.3, it-tieni paragrafu tal-Qafas Komunitarju dwar l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.
([7]) ĠU C 360, 10.12.2013, p. 1.
([8]) Konsultazzjoni dwar l-abbozz tal-Qafas tal-UE għall-għajnuna mill-Istat għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni nfetħet fl-20.12.2013. L-abbozz huwa aċċessibbli fl-indirizz: http://ec.europa.eu/competition/consultations/2013_state_aid_rdi/index_en.html
([9]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM) COM(2012) 209 finali.
([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat. ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3. Konsultazzjoni dwar abbozz għall-GBER tal-UE nfetħet fit-18.12.2013. L-abbozz huwa aċċessibbli fl-indirizz: http://ec.europa.eu/competition/consultations/2013_consolidated_gber/index_en.html

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES

*Il-President*

Frank BÜCHEL

*Membru tal-Kulleġġ*